**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

**2023/0042(COD)**

19.9.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956
(COM(2023)0088 – C9-0025/2023 – 2023/0042(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Andris Ameriks

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Minkejja li l-politiki tal-UE dwar il-klima u l-enerġija qed iwasslu għal tnaqqis sinifikanti fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-setturi kollha, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport għadhom qed jiżdiedu fl-UE, u jammontaw għal kwart tat-total tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra Ewropej. F'dan il-qafas, it-trasport bit-triq jirrappreżenta ċ-ċifra l-aktar rilevanti (aktar minn 70 %) filwaqt li l-vetturi heavy-duty jammontaw għal aktar minn 27 %. Fattur ewlieni wara din iċ-ċifra huwa t-tkabbir fid-domanda u l-attività tal-merkanzija mis-sena 2000, li għadu mistenni li jiżdied fil-futur.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-emenda tal-miri vinkolanti eżistenti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ għall-vetturi heavy-duty se tkun ta' benefiċċju biex jintlaħqu l-għanijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika, anke fid-dawl tal-kuntest ġeopolitiku attwali: kif enfasizzat fil-pjan REPowerEU, u aktar minn qatt qabel, l-invażjoni Russa tal-Ukrajna tiġġustifika t-tnaqqis fid-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili.

It-tieni, ir-riforma għandha l-potenzjal li ġġib magħha benefiċċji kemm għall-operaturi kif ukoll għall-utenti tat-trasport. Użu usa' ta' vetturi aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, li jinkiseb billi l-manifatturi jiġu inċentivati jżidu l-provvista tagħhom ta' vetturi b'emissjonijiet żero, se jwassal għal mudelli ta' vetturi b'emissjonijiet żero aktar affordabbli, bi tnaqqis ġenerali tal-kost totali tas-sjieda ta' tali vetturi.

It-tielet, ir-riforma jista' jkollha rwol fit-tisħiħ tat-tmexxija teknoloġika u tal-innovazzjoni industrijali tal-UE, b'mod partikolari fit-tranżizzjoni globali li għaddejja bħalissa lejn mobilità b'emissjonijiet żero, u billi l-investimenti tidderiġihom lejn teknoloġiji b'emissjonijiet żero.

Punt siewi tal-proposta huwa li l-karozzi tal-linja urbani jiġu inklużi fir-Regolament emendatorju. It-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ fiż-żoni urbani se jwassal għal diversi aspetti pożittivi billi jtejjeb il-kwalità tal-arja tal-bliet kif ukoll is-saħħa individwali tal-poplu Ewropew. Fid-dawl ta' dan, u fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi eskluż sehem limitat ta' karozzi tal-linja kif stabbilit fl-Artikolu 3b(2) tal-Proposta, ir-Rapporteur issottolinja l-importanza li jitqassar iż-żmien għall-Kummissjoni biex tadotta atti delegati dwar din il-kwistjoni partikolari sabiex tipprovdi ċertezzi lill-operaturi ekonomiċi.

Min-naħa l-oħra, it-tranżizzjoni minn vetturi li jaħdmu bil-fjuwils fossili għal vetturi b'emissjonijiet żero jeħtieġ li tqis l-impatti soċjali u ekonomiċi li tista' tikkawża, sabiex jiġi żgurat li fit-tranżizzjoni lejn l-għan ta' Ewropa newtrali għall-klima ħadd ma jitħalla jibqa' lura. L-inugwaljanzi fl-aċċess għan-networks tat-trasport jaffettwaw il-ħajja ta' kuljum ta' miljuni ta' persuni, speċjalment dawk b'introjtu aktar baxx, utenti minn gruppi bi bżonnijiet speċjali u minn żoni periferiċi. B'rabta mill-qrib ma' dan hija l-kwistjoni tal-konnettività bejn iż-żoni rurali, periurbani u urbani, speċjalment fil-każ ta' speċifiċitajiet ġeografiċi, bħal fil-każ tal-gżejjer, ir-reġjuni u t-territorji ultraperiferiċi, iż-żoni rurali jew remoti, periferiji inqas aċċessibbli u żoni muntanjużi. Għalhekk, it-triq lejn id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport jeħtieġ li tqis miżuri xierqa sabiex jiġu żgurati l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà tat-trasport, kif ukoll l-aċċess ugwali għaċ-ċentri urbani, u jiġi evitat il-faqar tat-trasport.

Barra minn hekk, ir-Rapporteur jissottolinja li l-impatti soċjali tat-tranżizzjoni anke fir-rigward tas-settur awtomobilistiku jridu jitqiesu b'mod serju, u dan jippermetti li l-proċess tat-tneħħija

gradwali tal-vetturi li jaħdmu bil-fjuwils fossili jimxi id f'id mal-miżuri għall-ħaddiema f'dan is-settur speċifiku. Dawn il-miżuri għandhom jiġu previsti fil-pjanijiet għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Pjanijiet Soċjali għall-Klima. Għaldaqstant, ir-Rapporteur jipproponi li l-introjtu mill-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi u mill-multi amministrattivi jitqies bħala dħul assenjat għall-Fond Soċjali għall-Klima adottat reċentement bl-għan li jikkontribwixxi għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn in-newtralità klimatika.

B'din l-Opinjoni, ir-Rapporteur ifittex li jiżgura li l-flotta ta' vetturi heavy-duty futura taqdi r-rwol tagħha biex twassal għal tnaqqis ta' 90 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra mit-trasport sal-2050, meta mqabbla mal-1990, kif iddikjarat fil-Patt Ekoloġiku Ewropew filwaqt li tipprovdi benefiċċji għall-operaturi u l-utenti Ewropej tat-trasport, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma SMEs, benefiċċji li jirriżultaw minn użu usa' ta' vetturi aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar il-"Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019[10] . Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni. | (1) L-indirizzar tal-isfidi relatati mal-klima u mal-ambjent u l-ilħuq tal-objettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, adottat f'Diċembru 2015 skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), huma fil-qalba tal-Komunikazzjoni dwar il-"Patt Ekoloġiku Ewropew", adottata mill-Kummissjoni fil-11 ta' Diċembru 2019[10] . Il-ħtieġa u l-valur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew kibru biss fid-dawl tal-effetti severi ħafna tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-saħħa u l-benesseri ekonomiku taċ-ċittadini tal-Unjoni ***u l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni illegali, mhux provokata u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż il-bini mill-ġdid tal-Ukrajna wara l-gwerra***. |
| [10] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final. | [10] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jikkombina sett komprensiv ta' miżuri u ta' inizjattivi li jsaħħu lil xulxin immirati lejn | (2) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jikkombina sett komprensiv ta' miżuri u ta' inizjattivi li jsaħħu lil xulxin immirati lejn |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| il-kisba tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050, u jistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'mod differenti u għandha impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, ***bħall-anzjani***, il-persuni b'diżabilità u l-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju. Għalhekk, irid jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva, u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. | il-kisba tan-newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050, u jistabbilixxi strateġija ġdida ta' tkabbir li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Għandu wkoll l-għan li jipproteġi, jikkonserva u jsaħħaħ il-kapital naturali tal-Unjoni, u li jipproteġi s-saħħa u l-benesseri taċ-ċittadini minn riskji u impatti relatati mal-ambjent. Fl-istess ħin, din it-tranżizzjoni taffettwa lin-nisa u lill-irġiel b'mod differenti u għandha impatt partikolari fuq xi gruppi żvantaġġati, ***bħan-nies li jgħixu f'żoni periferali u rurali u reġjuni ultraperiferiċi, l-anzjani***, il-persuni b'diżabilità u l-persuni bi sfond razzjali jew etniku minoritarju. Għalhekk, irid jiġi żgurat li t-tranżizzjoni tkun ġusta u inklużiva, u ma tħalli lil ħadd jibqa' lura. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu ***għall-ilħuq*** ta' dak it-tnaqqis fl-emissjonijiet, inkluż is-settur tat-trasport bit-triq. | (5) Is-setturi kollha tal-ekonomija huma mistennija jikkontribwixxu ***għall-kisba*** ta' dak it-tnaqqis fl-emissjonijiet, inkluż is-settur tat-trasport bit-triq***, li huwa l-uniku settur fl-Unjoni li fih l-emissjonijiet ilhom jiżdiedu mis-snin 90. It-trasport heavy-duty b'mod partikolari jirrappreżenta aktar minn kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq fl-UE u aktar minn 6 % tal-emissjonijiet totali tal-gassijiet serra tal-UE. L-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tiegħu hija saħansitra aktar importanti minħabba l-fatt li l-attività tat-trakkijiet fl-UE hija mistennija li tkompli tiżdied b'40 % bejn l-2019 u l-2050, filwaqt li l-attività mill-karozzi tal-linji u l-kowċis tikber b'10 % matul l-*** |

***istess perjodu.***

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Il-Komunikazzjoni dwar il-Qafas il-ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana[1a] tissottolinja li l-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jiżguraw id-disponibbiltà ta' infrastruttura effiċjenti, interoperabbli u faċli għall-utent tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwils alternattivi. Id-disponibbiltà ta' tali infrastruttura hija kruċjali sabiex jintlaħaq l-objettiv tad-dekarbonizzazzjoni tal-mobbiltà urbana. Fir-riżami tal-effettività u l-impatt ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll il-varar ta' infrastrutturi tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil li jkunu xierqa għall-vetturi heavy-duty fl-Istati Membri.*** |
| | ***1a Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Qafas il-ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana, COM(2021)811 final, 14.12.2021*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Il-Komunikazzjoni dwar il-Qafas il-ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana[4a] tissottolinja li l-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jiżguraw id-disponibbiltà ta' infrastruttura effiċjenti, interoperabbli u faċli għall-utent tal-iċċarġjar u tar-*** |

***riforniment tal-fjuwils alternattivi. Id-disponibbiltà ta' tali infrastruttura hija kruċjali sabiex jintlaħaq l-objettiv tad-dekarbonizzazzjoni tal-mobbiltà urbana. Fir-rieżami tal-effettività u l-impatt ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll il-varar ta' infrastrutturi tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil li jkunu xierqa għall-vetturi heavy-duty fl-Istati Membri.***

***41a Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Qafas il-ġdid tal-UE għall-Mobbiltà Urbana, COM(2021)811 final, 14.12.2021***

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5c) L-investimenti għad-dekarbonizzazzjoni tal-mezzi tat-trasport tal-passiġġieri jenħtieġ li ma jkollhomx impatt negattiv fuq l-aċċess għall-mobbiltà bir-riskju li jiżdiedu l-problemi tal-faqar tat-trasport u l-esklużjoni ta' żoni skarsament popolati.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5d) Filwaqt li r-rieżami ta' dan ir-Regolament[1a] jagħmel parti minn sforzi biex jiġu ssodisfati l-objettivi ambjentali tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bit-triq sabiex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima,*** |

***jenħtieġ li jqis ukoll il-konsegwenzi industrijali u soċjali sinifikanti ta' dan il-proċess biex jiġu żgurati l-impjiegi u l-mobbiltà aċċessibbli għal kulħadd.***

---

***1a Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Pjan REPowerEU, COM(2022)230 final, 18.5.2022.***

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Sabiex isir kontribut għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", huwa neċessarju li ***jissaħħu*** r-rekwiżiti tat-tnaqqis stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1242 għall-vetturi heavy-duty. Jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit perkors ċar għal aktar tnaqqis lil hinn mill-2030 sabiex jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. | (8) Sabiex isir kontribut għat-tnaqqis fl-emissjonijiet netti tal-gassijiet serra ta' mill-inqas 55 % sal-2030 meta mqabbla mal-1990 u f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", huwa neċessarju li ***jiġu vvalutati*** r-rekwiżiti tat-tnaqqis stabbiliti fir-Regolament (UE) 2019/1242 għall-vetturi heavy-duty. Jeħtieġ ukoll li jiġi stabbilit perkors ċar għal aktar tnaqqis lil hinn mill-2030 sabiex jikkontribwixxi għall-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Ir-rekwiżiti msaħħin għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 jenħtieġ li jinċentivaw proporzjon dejjem akbar ta' vetturi b'emissjonijiet żero li jkunu qed jintużaw fis-suq tal-Unjoni filwaqt li | (9) Ir-rekwiżiti msaħħin għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 jenħtieġ li jinċentivaw proporzjon dejjem akbar ta' vetturi b'emissjonijiet żero ***u b'emissjonijiet baxxi*** li jkunu qed jintużaw |

jipprovdu benefiċċji lill-utenti u liċ-ċittadini f'termini ta' kwalità tal-arja u ta' ffrankar tal-enerġija, kif ukoll jiżguraw li l-innovazzjoni fil-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku tkun tista' tinżamm. Fil-preżent, vetturi ***b'emissjoni*** żero jinkludu vetturi elettriċi bil-batterija, vetturi mgħammrin b'ċellola tal-fjuwil u b'idroġenu oħrajn, u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi dejjem għaddejjin.

fis-suq tal-Unjoni filwaqt li jipprovdu benefiċċji lill-utenti u liċ-ċittadini f'termini ta' kwalità tal-arja u ta' ffrankar tal-enerġija, kif ukoll jiżguraw li l-innovazzjoni fil-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku tkun tista' tinżamm. ***L-industrija tal-karozzi għadha wieħed mill-pilastri tal-ekonomija tal-UE li tikkontribwixxi 7 % tal-PDG Ewropew, tiġġenera 4,6 miljun impjieg u tibqa' fuq quddiem nett tal-innovazzjoni teknoloġika b'EUR 60 biljun investiti kull sena fir-riċerka u l-iżvilupp. L-industrija jeħtieġ li tkun appoġġata fit-tranżizzjoni ambjentali u diġitali tagħha peress li l-manifatturi Ewropej issa qed jiffaċċjaw restrizzjoni tripla, b'regolamenti ambjentali aktar stretti, żieda fil-ħtiġijiet ta' investiment fl-innovazzjoni u żieda fil-kompetizzjoni internazzjonali. L-istandards imsaħħa għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 iridu jsiru teknoloġikament newtrali fl-ilħuq tal-miri għall-flotta kollha li huma jistabbilixxu. Il-vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi, li jaħdmu b'bijofjuwils avvanzati jew fjuwils sintetiċi kif definiti fid-Direttiva (UE) 2018/2001[1a].*** Fil-preżent, vetturi ***b'emissjonijiet*** żero ***u b'emissjonijiet baxxi*** jinkludu vetturi elettriċi bil-batterija, vetturi mgħammrin b'ċellola tal-fjuwil u b'idroġenu oħrajn, u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi dejjem għaddejjin.

__________________

***1a Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni)***

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(9a) Il-vetturi elettriċi tal-batterija, il-vetturi mgħammrin b'ċellola tal-fjuwil u vetturi oħra li jaħdmu bl-idroġenu għandhom potenzjal qawwi li jiddekarbonizzaw ċerti segmenti tas-settur tat-trasport heavy-duty u l-iżvilupp tagħhom jenħtieġ li jiġi mħeġġeġ, filwaqt li jitqies il-fatt li kull teknoloġija tħalli impatt fuq l-ambjent. Meta l-elettrifikazzjoni ma tkunx possibbli jew inqas effiċjenti u l-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu ma jkunux xierqa jew kompetittivi f'termini ta' kostijiet, il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika jippermetti li jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi ma' teknoloġiji oħra li jkunu aktar maturi.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(9b) Wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel proposta għar-reġistrazzjoni ta' vetturi heavy-duty li jaħdmu esklużivament bi fjuwils newtrali għas-CO2 għal finijiet ta' konformità mad-dritt tal-UE u mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (10) F'dak l-isfond, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri ***msaħħin*** ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 għal vetturi heavy-duty ġodda għall-perjodu mill-2030 'il quddiem. Dawk il-miri jenħtieġ li ***jiġu stabbiliti f'livell li jagħti sinjal qawwi sabiex tiġi aċċellerata*** l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero fis-suq tal-Unjoni u sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero b'mod kosteffiċjenti. | (10) F'dak l-isfond, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri ġodda għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 għal vetturi heavy-duty ġodda għall-perjodu mill-2030 'il quddiem. Dawk il-miri jenħtieġ li ***jkunu konsistenti mad-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet abilitanti, jiġifieri network dens biżżejjed ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, bl-għan li jippromwovu*** l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet żero fis-suq tal-Unjoni u sabiex tiġi stimolata l-innovazzjoni f'teknoloġiji b'emissjonijiet żero b'mod kosteffiċjenti. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(10a) Il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika huwa fundamentali biex jiġi żgurat li jkun hemm effiċjenza u pluralità ta' soluzzjonijiet, jiġu ppreżervati u aċċellerati l-innovazzjoni u l-iżvilupp, inkluż f'teknoloġiji fixkiela, u biex jippermetti flessibbiltà fis-suq u diversità fl-imġiba soċjali. Huwa għaldaqstant importanti li t-trasport bit-triq ma jkunx limitat għal teknoloġija waħda biss iżda li pjuttost jitħeġġu l-innovazzjoni u l-komplementarjetajiet bejn teknoloġiji alternattivi effiċjenti, bħall-użu kkombinat ta' vetturi ibridi u fjuwils b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Barra minn hekk, approċċ "wieħed tajjeb għal kulħadd" fil-livell Ewropew jiġi kompromess mid-diversità ekonomika, soċjali, ġeografika u infrastrutturali wiesgħa fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom, filwaqt li taħlita ta' teknoloġiji komplementari tippermetti lil kull reġjun jimplimenta s-soluzzjonijiet li jqis bħala l-aktar xierqa biex jitnaqqsu l-*** |

***emissjonijiet tiegħu.***

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10b) B'mod komplementari għall-isforzi ta' dan ir-regolament biex jiżdiedu d-disponibbiltà u l-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero, jenħtieġ li jiġi introdott fattur ta' korrezzjoni tal-karbonju biex jirrifletti kif xieraq il-kontribut tal-użu ta' fjuwils newtrali għas-CO2, bħall-bijofjuwils, il-bijogass, il-fjuwils tal-bijomassa u l-fjuwils sintetiċi, meta tiġi vvalutata l-konformità mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 ta' vetturi heavy-duty li jkunu għadhom kif ġew irreġistrati.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istrateġija Industrijali l-Ġdida[14] aġġornata tipprevedi l-ħolqien konġunt ta' perkorsi ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fi sħubija mal-industrija, mal-awtoritajiet pubbliċi, mas-sħab soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn. F'dan il-kuntest, qiegħed jiġi żviluppat perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema tal-mobilità sabiex jakkumpanja t-tranżizzjoni tal-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku. Il-perkors iqis b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji fil-katina tal-provvista tas-settur awtomobilistiku, il-konsultazzjoni mas-sħab soċjali inkluż mill-Istati Membri, u jibni wkoll fuq l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet b'inizjattivi bħall-Patt għall-Ħiliet | L-Istrateġija Industrijali l-Ġdida[14] aġġornata tipprevedi l-ħolqien konġunt ta' perkorsi ta' tranżizzjoni ekoloġika u diġitali fi sħubija mal-industrija, mal-awtoritajiet pubbliċi, mas-sħab soċjali u ma' partijiet ikkonċernati oħrajn. F'dan il-kuntest, qiegħed jiġi żviluppat perkors ta' tranżizzjoni għall-ekosistema tal-mobilità sabiex jakkumpanja t-tranżizzjoni tal-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku. Il-perkors iqis b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar u medji fil-katina tal-provvista tas-settur awtomobilistiku, il-konsultazzjoni mas-sħab soċjali inkluż mill-Istati Membri, u jibni wkoll fuq l-Aġenda Ewropea għall-Ħiliet b'inizjattivi bħall-Patt għall-Ħiliet |

| | |
|---|---|
| sabiex jimmobilizza s-settur privat u partijiet ikkonċernati oħrajn sabiex itejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa u sabiex jagħtu lill-forza tax-xogħol tal-Ewropa ħiliet ġodda fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u dwar il-Mekkaniżmu ta' Spinta għat-Talent fil-qafas tal-inizjattiva ta' Sfruttar tat-Talenti fir-reġjuni tal-UE. L-azzjonijiet u l-inċentivi xierqa fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali sabiex tingħata spinta lill-affordabbiltà tal-vetturi b'emissjonijiet żero wkoll qegħdin jiġu indirizzati fil-perkors. Dan jista', pereżempju, jinkludi l-possibbiltà li l-Istati Membri jużaw il-Fond Soċjali għall-Klima propost sabiex jgħinu lill-mikroimpriżi fix-xiri ta' trakkijiet u inġenji kbar b'emissjonijiet żero. | sabiex jimmobilizza s-settur privat u partijiet ikkonċernati oħrajn sabiex itejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol tal-Ewropa u sabiex jagħtu lill-forza tax-xogħol tal-Ewropa ħiliet ġodda fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u dwar il-Mekkaniżmu ta' Spinta għat-Talent fil-qafas tal-inizjattiva ta' Sfruttar tat-Talenti fir-reġjuni tal-UE. L-azzjonijiet u l-inċentivi xierqa fil-livell Ewropew u fil-livell nazzjonali sabiex tingħata spinta lill-affordabbiltà tal-vetturi b'emissjonijiet żero wkoll qegħdin jiġu indirizzati fil-perkors. Dan jista', pereżempju, jinkludi l-possibbiltà li l-Istati Membri jużaw il-Fond Soċjali għall-Klima propost sabiex jgħinu lill-mikroimpriżi fix-xiri ta' trakkijiet u inġenji kbar b'emissjonijiet żero. ***Jenħtieġ li tingħata wkoll attenzjoni partikolari lill-impatt li din it-tranżizzjoni se jkollha fuq l-SMEs tul il-katina tal-provvista.*** |
| [14] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa, COM(2021) 350 final tal-5 ta' Mejju 2021. | [14] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa, COM(2021) 350 final tal-5 ta' Mejju 2021. |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) L-introduzzjoni rapida tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u r-riforniment tirrikjedi d-disponibbiltà ta' installaturi kwalifikati. L-investimenti fit-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet se jkunu l-pedament biex jintlaħqu l-miri ta' dan ir-Regolament u se jiżguraw tranżizzjoni ġusta fis-settur tal-manifattura tat-trakkijiet.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Il-miri għall-flotta kollha tal-Unjoni għandhom jiġu kkomplementati bl-introduzzjoni neċessarja tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil kif stabbilit fil-Proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi[16]. | (12) Il-miri għall-flotta kollha tal-Unjoni għandhom jiġu kkomplementati bl-introduzzjoni neċessarja tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil ***aċċessibbli għall-pubbliku*** kif stabbilit fil-Proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi[16]. ***Il-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil huwa ugwalment importanti f'postijiet privati, bħal f'garaxxijiet privati u f'ċentri loġistiċi biex jiġi żgurat l-iċċarġjar matul il-lejl u fid-destinazzjoni. Huwa imperattiv li l-ebda reġjun Ewropew ma jitħalla jibqa' lura u li d-disparitajiet reġjonali fl-użu ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi jiġu indirizzati kif xieraq, b'mod partikolari f'reġjuni inqas żviluppati jew reġjuni bi ħtiġijiet u ċirkostanzi speċifiċi, bħal reġjuni rurali u skarsament popolati, remoti u ultraperiferiċi, insulari u muntanjużi. Dan in-network pubbliku u privat ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar u tar-riforniment huwa kundizzjoni abilitanti biex il-manifatturi jkunu jistgħu jilħqu l-miri tat-tnaqqis tas-CO2.*** |
| [16] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, 14.7.2021, COM/2021/559 final. | [16] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, 14.7.2021, COM/2021/559 final. |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(12a) L-implimentazzjoni ta' infrastruttura suffiċjenti tal-iċċarġjar u tar-riforniment għal fjuwils alternattivi hija prerekwiżit essenzjali għall-iżvilupp tas-suq għall-vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi, u għalhekk għas-suċċess ta' dan ir-Regolament; għaldaqstant, kwalunkwe żieda fil-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' dan ir-Regolament, inkluż fuq objettivi interim, jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn żieda fil-miri ta' installazzjoni bħala parti mir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi; b'rabta ma' dan, huwa essenzjali li jitkomplew u jiżdiedu l-investimenti fil-varar tagħha. L-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw appoġġ u għajnuna suffiċjenti biex jilħqu dan l-objettiv minħabba l-ħtiġijiet ta' investiment sinifikanti tagħhom f'deċennju meta t-telf u t-trasferimenti tad-dħul mit-taxxa tagħhom fuq fjuwils oħra se jiżdiedu. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġi ssottolinjat li l-kwistjoni tar-riforniment hija intrinsikament marbuta mal-awtonomija proprja tal-vetturi, li, aktar ma din tal-aħħar tiżdied, aktar tonqos il-frekwenza tar-riforniment – u li għalhekk il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fir-rigward tal-awtonomija tal-batteriji, li jaffettwaw l-użu tal-infrastruttura.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12b (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(12b) Ir-rekwiżiti minimi dwar l-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi heavy-duty stabbiliti fir-regolament dwar il-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils*** |

***alternattivi jistgħu ma jilħqux dak li jitolbu l-istandards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO2 imsaħħa. Għalhekk huwa ta' importanza kbira li l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE u dawk nazzjonali jagħtu prijorità lill-appoġġ lejn l-iżvilupp ulterjuri ta' proġetti ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.***

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) ***It-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika teħtieġ*** investimenti sinifikanti fil-grilji tal-elettriku inklużi kapaċità, reżiljenza u ħżin imsaħħin, kif ukoll konnessjonijiet addizzjonali***. Fir-rigward tal-vetturi heavy-duty, bil-livelli fil-mira proposti fl-Artikolu 3a għas-sena 2030, is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotta totali ta' vetturi li jiċċirkolaw fit-triq kif ukoll il-konsum tal-elettriku fis-settur se jibqgħu limitati. Għalhekk, l-impatt relatat fuq il-grilja tal-elettriku se jibqa' limitat ukoll.*** | (13) ***Il-varar ta' vetturi elettriċi tal-batteriji, vetturi mgħammrin b'ċellola tal-fjuwil u vetturi oħra li jaħdmu bl-idroġenu bla dubju se jirrikjedi*** investimenti sinifikanti fil-grilji tal-elettriku inklużi kapaċità, reżiljenza u ħżin imsaħħin, kif ukoll konnessjonijiet addizzjonali ***u adattament tal-imġiba sabiex is-sigħat fejn ikun hemm domanda qawwija jiġu indirizzati mingħajr riskji*** fuq ***is-sigurtà tal-provvista***. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) L-adozzjoni fis-suq ta' vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero tiddependi minn kundizzjonijiet abilitanti li jippermettu lit-trasportaturi tal-merkanzija bit-triq joperaw il-vetturi mingħajr xkiel u b'benefiċċji akbar mit-trakkijiet diżil konvenzjonali. Id-disponibbiltà ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil,*** |

| | |
|---|---|
| | ***miżuri effettivi tal-ipprezzar tal-karbonju, inklużi pedaġġi tat-triq differenzjati skont l-emissjonijiet tas-CO2, u regolamenti tal-vetturi ta' appoġġ u sinkronizzati sew huma kundizzjonijiet abilitanti kruċjali li jaqgħu barra mill-kontroll dirett tal-manifatturi tal-vetturi. Għalhekk, l-istat tal-aktar kundizzjonijiet abilitanti importanti jenħtieġ li jiġi mmonitorjat fuq bażi annwali. Jekk waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet abilitanti jinstabu li ma humiex konformi mal-miri tas-CO2 għall-manifatturi tal-vetturi, il-miri jenħtieġ li jiġu rieżaminati u l-penali finanzjarji (primjums għall-emissjonijiet eċċessivi tas-CO2) għall-manifatturi tal-vetturi jenħtieġ li jiġu rrinunzjati.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) Ċerti kundizzjonijiet abilitanti li jippermettu lit-trasportaturi tal-merkanzija bit-triq joperaw mingħajr xkiel vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero huma kruċjali għall-adozzjoni bikrija ta' tali vetturi fis-suq. Għalhekk, l-istat tal-aktar kundizzjonijiet abilitanti importanti bħall-kapaċità ottimali tal-grilja, il-ħżin, l-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil u l-miżuri effettivi tal-ipprezzar tal-karbonju jenħtieġ li jiġu mmonitorjati regolarment u jitqiesu fir-rieżami ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Jenħtieġ li l-manifatturi jingħataw biżżejjed flessibbiltà sabiex jadattaw il-flotot tagħhom maż-żmien sabiex jimmaniġġaw it-tranżizzjoni lejn vetturi b'emissjonijiet żero b'mod kosteffiċjenti***, u*** għalhekk huwa xieraq li jinżamm l-approċċ ta' tnaqqis tal-livelli fil-mira fi stadji ta' ħames snin. | (14) Jenħtieġ li l-manifatturi jingħataw biżżejjed flessibbiltà sabiex jadattaw il-flotot tagħhom maż-żmien sabiex jimmaniġġaw it-tranżizzjoni lejn vetturi b'emissjonijiet żero ***u b'emissjonijiet baxxi*** b'mod kosteffiċjenti***. Il-miri progressivament aktar ambizzjużi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet żiedu l-kostijiet tal-konformità għall-manifatturi.*** Għalhekk huwa xieraq li jinżamm l-approċċ ta' tnaqqis tal-livelli fil-mira fi stadji ta' ħames snin. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Dan ir-regolament għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn mobbiltà newtrali tal-karbonju f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Biex jikkomplementa l-isforzi lejn disponibbiltà dejjem akbar ta' vetturi b'emissjonijiet żero, jiġi introdott mekkaniżmu bbażat fuq fattur ta' korrezzjoni tal-karbonju biex jitqies il-kontribut mill-użu ta' fjuwils tat-trasport rinnovabbli sostenibbli meta tiġi vvalutata l-konformità mat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' vetturi heavy-duty ġodda rreġistrati. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn mobbiltà newtrali tal-karbonju f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Biex jikkomplementa l-isforzi lejn disponibbiltà dejjem akbar ta' vetturi b'emissjonijiet żero, jiġi introdott mekkaniżmu bbażat fuq fattur ta' korrezzjoni tal-karbonju biex jitqies kif xieraq il-kontribut mill-użu ta' fjuwils tat-trasport rinnovabbli sostenibbli meta tiġi vvalutata l-konformità mat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' vetturi heavy-*** |

***duty ġodda rreġistrati.***

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14b) Dan ir-regolament għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn mobbiltà newtrali tal-karbonju f'konformità mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika. Biex jikkomplementa l-isforzi lejn disponibbiltà dejjem akbar ta' vetturi b'emissjonijiet żero, jiġi introdott mekkaniżmu bbażat fuq fattur ta' korrezzjoni tal-karbonju biex jitqies kif xieraq il-kontribut mill-użu ta' fjuwils tat-trasport rinnovabbli sostenibbli meta tiġi vvalutata l-konformità mat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' vetturi heavy-duty ġodda rreġistrati.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14c) B'mod differenti mis-settur tal-karozzi tal-passiġġieri, il-vetturi kummerċjali huma għodod essenzjali u flessibbli għall-moviment tal-merkanzija u n-nies u jibqgħu vitali għall-ekonomija Ewropea. L-affordabbiltà għall-klijenti, il-meded imnaqqsa tas-sewqan, il-ħinijiet twal tal-iċċarġjar u l-kapaċità tat-tagħbija mnaqqsa huma elementi li jistgħu jipprevjenu l-bidla rapida lejn teknoloġiji b'emissjonijiet żero.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14d) Jeħtieġ li jiġi żviluppat sett sħiħ ta' kundizzjonijiet abilitanti ewlenin biex tiġi sostnuta bidla rapida lejn emissjonijiet żero. Il-fatt li l-klijenti jiġu pprovduti livell ġust ta' riżorsi biex jingħalaq id-distakk fil-prezzijiet ma' vetturi konvenzjonali u d-disponibbiltà ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment tal-fjuwil li tkun xierqa għall-vetturi heavy-duty u densa biżżejjed huma faċilitaturi essenzjali.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14e) It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi jenħtieġ li jindirizzaw ukoll l-importanza tad-dimensjoni soċjali biex jiġi żgurat li t-teknoloġiji l-ġodda ma jaffettwawx l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà għal kulħadd. Meta jiġu adottati standards ġodda tas-CO2 għal vetturi heavy-duty huwa importanti li jitqiesu l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali sinifikanti tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u l-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi u tiġi ppreservata l-kompetittività tal-industrija tal-Unjoni.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14f (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(14f) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-impatt li din it-tranżizzjoni se jkollha fuq l-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (SMEs) tul il-katina tal-provvista awtomobilistika u lir-reġjuni u l-komunitajiet milquta li jistgħu jkunu aktar vulnerabbli minħabba l-preżenza ta' industrija awtomobilistika intensiva.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (15) Minħabba l-istruttura eteroġena tal-flotta totali ta' trakkijiet, mhuwiex possibbli li wieħed ibassar bis-sħiħ jekk għall-użi speċjalizzati kollha, l-iżviluppi teknoloġiċi humiex se jkunu rapidi biżżejjed sabiex jiżguraw li t-teknoloġija b'emissjonijiet żero mill-iżbokk tal-egżost tkun għażla vijabbli. Dan jista' jinkludi użi bħal vetturi heavy-duty għal distanzi twal f'morfoloġija territorjali speċifika u f'ċirkostanzi meteoroloġiċi speċifiċi, kowċis u trakkijiet għal applikazzjonijiet kritiċi ta' sigurtà u ta' sikurezza li ma jistgħux jiġu ssodisfati minn teknoloġiji b'emissjonijiet żero mill-iżbokk tal-egżost. Jenħtieġ li l-vetturi inkwistjoni jikkostitwixxu sehem limitat mill-flotta kollha ta' vetturi heavy-duty. Fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet bħal dawn, jenħtieġ li ***jitħalla xi marġni fil-mira tal-2040 sabiex*** jiġu ***akkomodati l-iżviluppi fit-teknoloġija*** li ***għad iridu jseħħu***. | (15) Minħabba l-istruttura eteroġena tal-flotta totali ta' trakkijiet, mhuwiex possibbli li wieħed ibassar bis-sħiħ jekk għall-użi speċjalizzati kollha, l-iżviluppi teknoloġiċi humiex se jkunu rapidi biżżejjed sabiex jiżguraw li t-teknoloġija b'emissjonijiet żero mill-iżbokk tal-egżost tkun għażla vijabbli. Dan jista' jinkludi użi bħal vetturi heavy-duty ***ħafna u vetturi heavy-duty*** għal distanzi twal f'morfoloġija territorjali speċifika u f'ċirkostanzi meteoroloġiċi speċifiċi, kowċis u trakkijiet għal applikazzjonijiet kritiċi ta' sigurtà u ta' sikurezza li ma jistgħux jiġu ssodisfati minn teknoloġiji b'emissjonijiet żero mill-iżbokk tal-egżost. Jenħtieġ li l-vetturi inkwistjoni jikkostitwixxu sehem limitat mill-flotta kollha ta' vetturi heavy-duty. Fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet bħal dawn, ***ir-rieżami ta' dan ir-Regolament*** jenħtieġ li ***jqis l-iżvilupp teknoloġiku ta' dawn il-vetturi f'rieżami possibbli tal-miri. Huwa importanti li jiġu vvalutati l-emissjonijiet tas-CO2 kollha taċ-ċiklu tal-ħajja minn vetturi heavy-duty fil-livell tal-Unjoni. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tevalwa, mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament, il-possibbiltà li tiżviluppa*** |

| | |
|---|---|
| | ***metodoloġija komuni tal-Unjoni għall-valutazzjoni u r-rapportar konsistenti tad-data dwar l-emissjonijiet ta' CO2 ta' vetturi heavy-duty li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta miżuri ta' segwitu, inklużi, meta xieraq, proposti leġiżlattivi.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Kombinazzjonijiet tqal ħafna (EHC) huma vetturi b'piżijiet akbar mill-istandard u ħafna drabi b'dimensjonijiet ikbar ukoll. Dawn żiedu l-kisbiet fl-effiċjenza enerġetika u naqqsu l-użu relattiv tal-fjuwil minħabba tagħbija utli akbar meta mqabbla mat-trakkijiet ta' daqs medju tal-UE. Madankollu, fil-formula tal-kalkolu attwali relatata mal-miri tas-CO2 mill-HDV, dan ma jitqiesx. Sabiex dan jiġi kkoreġut u l-emissjonijiet tal-EHC jiġu riflessi b'mod aktar realistiku, il-formula tal-kalkolu jenħtieġ li tiġi mmodifikata skont dan.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15b) Wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħmel proposta għar-reġistrazzjoni ta' vetturi heavy-duty li jaħdmu esklużivament bi fjuwils newtrali għas-CO2 għal finijiet ta' konformità mad-dritt tal-UE u mal-*** |

***objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni.***

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15c) Il-fjuwils newtrali għas-CO2, bħall-bijogass, il-bijofjuwils jew il-fjuwils sintetiċi jistgħu jikkontribwixxu għal tnaqqis sinifikanti tas-CO2 u għal titjib fil-kwalità tal-arja, u jaqdu rwol ewlieni fit-tranżizzjoni. Fl-istess ħin, jistgħu jkunu parti mis-soluzzjoni fil-futur f'każijiet fejn trakk elettriku jew tal-idroġenu jkun impossibbli jew diffiċli.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15d) Minħabba l-fatt li parti sinifikanti mit-trakkijiet prodotti fl-UE hija esportata madwar id-dinja u li dan is-settur huwa espost għal kompetizzjoni internazzjonali qawwija, it-tmexxija industrijali tal-manifatturi u l-fornituri Ewropej li joperaw globalment għandha tiġi protetta u msaħħa billi jiġi rrispettat kemm jista' jkun il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika, li huwa essenzjali biex tiġi ggarantita l-kapaċità tal-innovazzjoni u l-kompetittività.*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15e) Din il-leġiżlazzjoni għandha rwol ewlieni fl-għoti ta' vantaġġ kompetittiv lill-vetturi b'emissjonijiet żero fuq il-vetturi li jaħdmu bil-fjuwils fossili, u b'hekk tnaqqas gradwalment id-disparitajiet ekonomiċi bejniethom. Madankollu, appoġġ adegwat minn leġiżlazzjoni oħra tal-UE u nazzjonali kif ukoll mekkaniżmi u fondi finanzjarji huma kruċjali biex jitnaqqsu l-kostijiet u biex it-trasport b'emissjonijiet żero jsir kummerċjalment vijabbli.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(17) Bil-miri aktar stretti għall-flotta kollha tal-Unjoni mill-2030 'il quddiem, il-manifatturi se jkollhom ivaraw b'mod sinifikanti aktar vetturi b'emissjonijiet żero fis-suq tal-Unjoni. F'dak il-kuntest, il-mekkaniżmu ta' inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet ta' livell żero jew baxxi ("ZLEV") ma jibqax jaqdi l-iskop oriġinali tiegħu u jkun qed jirriskja li jimmina l-effettività tar-Regolament (UE) 2019/1242. Għalhekk, il-mekkaniżmu ta' inċentivi għaż-ZLEV jenħtieġ li jitneħħa mill-2030.*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Tibqa' ZLEV.*

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) ***Il-possibbiltà li d-dħul mill-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi jiġi assenjat għal fond speċifiku jew għal programm rilevanti ġiet evalwata kif meħtieġ skont l-Artikolu 15(4) tar-Regolament (UE) 2019/1242, bil-konklużjoni li dan iżid b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv, filwaqt li ma jkunx ta' benefiċċju dirett għas-settur awtomobilistiku fit-tranżizzjoni tiegħu. Għalhekk, jenħtieġ li d-dħul*** mill-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi ***jkompli jitqies bħala dħul għall-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 8(4) tar-Regolament (UE) 2019/1242***. | (18) ***Id-dħul*** mill-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi ***jenħtieġ li jitqies bħala dħul assenjat għal linja baġitarja speċifika "appoġġ għas-settur awtomobilistiku" tal-Fond Soċjali għall-Klima, bl-objettiv li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta għal ekonomija newtrali għall-klima, b'mod partikolari biex jittaffa kwalunkwe impatt negattiv li t-tranżizzjoni jkollha fuq l-impjiegi fis-settur awtomobilistiku fl-Istati Membri kollha affettwati, b'mod partikolari fir-reġjuni u l-komunitajiet l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni***. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għal vetturi**,** li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, bħal tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, vetturi ***ddisinjati u*** mibnijin għall-użu mill-forzi armati u vetturi fuq iċ-ċineg, l-emissjonijiet tas-CO2 mhumiex iddeterminati u, għalhekk, dawn il-vetturi ma għandhomx għalfejn jilħqu l-miri tas-CO2 stabbiliti f'dan ir-Regolament. | Għal vetturi li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi, bħal tratturi għall-agrikoltura u għall-forestrija, vetturi mibnijin għall-użu mill-forzi armati ***u tas-sigurtà*** u vetturi fuq iċ-ċineg, l-emissjonijiet tas-CO2 mhumiex iddeterminati u, għalhekk, dawn il-vetturi ma għandhomx għalfejn jilħqu l-miri tas-CO2 stabbiliti f'dan ir-Regolament. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 21 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Vetturi vokazzjonali, bħal trakkijiet taż-żibel, tippers jew miksers tal-konkrit, | Vetturi vokazzjonali, bħal trakkijiet taż-żibel, tippers jew miksers tal-konkrit, |

| | |
|---|---|
| jenħtieġ li jkomplu jiġu eżentati mill-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO2 tal-manifatturi. | jenħtieġ li jkomplu jiġu eżentati mill-kalkolu tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO2 tal-manifatturi. ***Min-naħa l-oħra, il-vetturi vokazzjonali b'emissjonijiet żero u baxxi jistgħu jintużaw għall-fini ta' dan ir-Regolament u għall-fini tad-determinazzjoni tal-konformità tal-manifattur mal-miri speċifiċi tiegħu tal-emissjonijiet tas-CO2.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(23) Għall-finijiet tat-trasferiment ta' vetturi introdotti reċentement bejn il-manifatturi u tal-istabbiliment ta' eżenzjoni għall-manifatturi li jipproduċu biss ftit vetturi, jenħtieġ li tiżdied definizzjoni tat-terminu "grupp ta' entitajiet konnessi" mar-Regolament (UE) 2019/1242, fis-sustanza skont it-terminoloġija użata fir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[20] għall-vetturi ħfief.*** <br> ______________ <br> ***[20] Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO2 tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*L-implimentazzjoni ta' mekkaniżmu ta' trasferiment, kif propost, bejn ditti li jaqgħu taħt il-kriterji ta' "grupp ta' manifatturi konnessi" toħloq distorsjonijiet potenzjali tas-suq minħabba li xi manifatturi Ewropej biss jibbenefikaw minn din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, il-metodu joħloq żewġ pożizzjonijiet dominanti potenzjali fis-suq.*

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) Għad-definizzjoni tal-obbligi tal-manifatturi individwali, il-miri ta’ tnaqqis tas-$CO_2$ tal-flotta tal-Unjoni kollha għall-flotta ta’ vetturi heavy-duty ġodda jenħtieġ li jiġu tradotti f’miri speċifiċi ta’ tnaqqis għas-sottogruppi li jenħtieġ li jiġu ddefiniti mill-karatteristiċi tekniċi tal-vetturi li jinkludu. | (24) Għad-definizzjoni tal-obbligi tal-manifatturi individwali, il-miri ta’ tnaqqis tas-$CO_2$ tal-flotta tal-Unjoni kollha għall-flotta ta’ vetturi heavy-duty ġodda jenħtieġ li jiġu tradotti f’miri speċifiċi ta’ tnaqqis għas-sottogruppi li jenħtieġ li jiġu ddefiniti mill-karatteristiċi tekniċi tal-vetturi li jinkludu***, iżda jenħtieġ li tingħata kunsiderazzjoni lid-dewmien possibbli fit-twassil u fit-tqegħid fis-suq ta’ ċerti gruppi ta’ vetturi, affettwati minn diffikultajiet fil-provvista ta’ ċerti komponenti li mhumiex fil-kontroll tal-manifattur***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-manifatturi ma għandhomx jinżammu responsabbli jekk diffikultajiet esterni fil-provvista (eż. relatati mas-semikondutturi) idewmu t-tqegħid fis-suq ta’ ċerti mudelli ta’ vetturi u b’hekk jaffettwaw il-provvista tal-flotta Ewropea ta’ vetturi heavy-duty nodfa.*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 27a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(27a) Il-karozzi tal-linja baxxi li huma rreġistrati biss fil-klassi II huma ddisinjati għal operazzjonijiet interurbani u jistgħu jiġu identifikati b’mod ċar. Bil-profili tal-missjonijiet interurbani tagħhom, jenħtieġ li dawn ma jkunux soġġetti għall-mandat b’emissjonijiet żero għall-karozzi tal-linja urbani. Minflok, il-vetturi baxxi tal-klassi II jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala vetturi u kowċis interurbani b’qiegħ għoli.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Only vehicles with urban mission profiles should be subject to the zero-emission vehicle mandate for urban buses (Art 3b). Class II low-entry buses with interurban mission profiles are used in interurban missions and should therefore not be subject to the ZEV mandate requirements. Therefore, vehicle groups 31-L2 (2-axle class II low entry) and 33-L2 (3-axle class II low entry) should be moved from the group of vehicles which fall under the zero-emission mandate (“MZE”) to the group of vehicles that are subject to CO2 reduction targets (“MCO2”). The impact in terms of CO2 emissions is very low because vehicle groups 31-L2 and 33-L2 have an overall emission share of all commercial vehicles of approximately 1%.Class II low-entry vehicles have a market share of approximately 11% of all M3 vehicles and M3 vehicles have an overall emission share of approximately 9% according to the Impact Assessment, annex 8, table 11.Class II low-entry vehicles are specifically designed for interurban operations with reduced passenger flow and capacity compared to full low-floor buses designed for urban operation.*

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (28) Il-fattur ta’ emissjonijiet żero u baxxi għandu jiġi applikat l-aħħar għall-perjodu ta’ rapportar tas-sena ***2029***, ***minħabba li ma għadux meqjus neċessarju wara dak iż-żmien bħala inċentiv għall-promozzjoni tad-dħul*** fis-suq ta’ vetturi b’emissjonijiet żero. | (28) Il-fattur ta’ emissjonijiet żero u baxxi għandu jiġi applikat l-aħħar għall-perjodu ta’ rapportar tas-sena ***2039***, ***sabiex ikompli jiġi promoss id-dħul*** fis-suq ta’ vetturi b’emissjonijiet żero ***fis-settur tal-HDV***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dħul fis-suq ta’ teknoloġiji b’emissjonijiet żero fis-settur tal-HDV huwa inċert u strettament marbut mad-disponibbiltà tal-kundizzjonijiet qafas abilitanti u mal-aċċettabbiltà mill-klijenti. Ir-Regolament għandu jkompli jipprevedi xi flessibbiltajiet li jassistu lill-manifatturi tal-vetturi fil-promozzjoni u l-bejgħ tal-vetturi ġodda b’emissjonijiet żero. Għal dawn ir-raġunijiet, il-fattur ZLEV għandu jiġi estiż flimkien mal-perjodu kollu li matulu dan ir-regolament se jibqa’ stabbilit.*

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Barra minn hekk, sabiex jissaħħaħ l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet żero f'kumpaniji żgħar u ta' daqs medju speċjalizzati, ***għandu*** jkun possibbli wkoll li jiġu ttrasferiti vetturi b'emissjonijiet żero bejn entitajiet mhux konnessi. | (30) Barra minn hekk, sabiex jissaħħaħ l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda b'emissjonijiet żero f'kumpaniji żgħar u ta' daqs medju speċjalizzati, ***jenħtieġ li*** jkun possibbli wkoll li jiġu ttrasferiti vetturi b'emissjonijiet żero bejn entitajiet mhux konnessi***, u li l-vetturi eżistenti jiġu ttrasferiti b'mod retroattiv għal vetturi b'emissjonijiet żero. Il-modifika retroattiva tal-vetturi eżistenti tirrappreżenta opportunità kbira biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero b'mod kosteffiċjenti u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi.*** |

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(42a) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn mobbiltà newtrali tal-karbonju b'mod teknoloġikament newtrali. Bħala element li jikkomplementa l-isforzi biex tiżdied id-disponibbiltà dejjem akbar ta' vetturi b'emissjonijiet żero, jiġi introdott mekkaniżmu bbażat fuq fattur ta' korrezzjoni tal-karbonju biex jitqies kif xieraq il-kontribut mill-użu ta' fjuwils tat-trasport rinnovabbli sostenibbli, fosthom il-bijofjuwils, il-fjuwils tal-bijomassa kif ukoll l-RFNBOs meta tiġi vvalutata l-konformità mat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-CO2 ta' vetturi heavy-duty ġodda li għadhom kif ġew irreġistrati.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(42b) Sabiex titħaffef it-tranżizzjoni, huwa introdott mekkaniżmu, ibbażat fuq fattur ta' korrezzjoni tal-karbonju li jirrifletti l-intensità tas-CO2 u s-sehem tal-fjuwils newtrali għas-CO2.*** |

**Emenda 47**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 42c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(42c) definizzjoni ġdida ta' "fjuwils newtrali għas-CO2" hija introdotta biex tippermetti fjuwils rinnovabbli kif definiti fid-Direttiva 2018/2001, inklużi l-bijofjuwils, il-bijogass, il-bijolikwidi, il-fjuwils mill-bijomassa u l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jew il-fjuwils tal-karbonju riċiklat.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 2 – paragrafu 1– punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) N***1, li ma jaqgħux taħt ir-Regolament (UE) 2019/631, N2*** u N3; | (b) N***2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' aktar minn ħames tunnellati*** u N3; |

**Emenda 49**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) Għandu japplika wkoll, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għal vetturi vokazzjonali b'emissjonijiet żero u baxxi.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt c**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-gruppi ta' vetturi 11, 12 u 16 mill-kategorija N3 ma għandhomx ikunu soġġetti għall-miri tal-emissjonijiet tas-CO2 stabbiliti fl-Artikolu 3a ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt i**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 3 – punt 23a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23a) "Fjuwils Newtrali għas-CO2" tfisser il-fjuwils kollha, fejn l-emissjonijiet tal-fjuwil li jintuża (e u ) jitqiesu li huma emissjonijiet żero netti u b'hekk, dawk il-fjuwils ma jipproduċu l-ebda emissjoni ta' gassijiet serra netti jew impronta tal-karbonju u jikkonformaw mal-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u l-kriterji ta' sostenibbiltà tad-Direttiva 2018/2001 u l-atti delegati assoċjati. Dawk il-fjuwils jinkludu l-bijofjuwils, il-bijogass, il-bijolikwidi, il-fjuwils mill-bijomassa u l-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jew il-fjuwils tal-karbonju riċiklat.*** |

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt i**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 3 – punt 23b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(23b) "Fattur ta' Korrezzjoni tal-Karbonju (CCF)" tfisser fattur li japplika korrezzjoni għall-emissjonijiet tas-CO2 mill-iżbokk tal-egżost tal-vetturi għall-valutazzjoni tal-konformità, biex tiġi riflessa l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u s-sehem tal-fjuwils newtrali għas-CO2, kif definit fl-Artikolu 3(23a) ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2019/124
Artikolu 3b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Għall-vetturi msemmijin fil-punt 4.2 tal-Anness I, il-manifatturi għandhom jikkonformaw mal-ishma minimi ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotta tagħhom ta' vetturi heavy-duty ġodda kif stabbiliti fil-punt 4.3 tal-Anness I. Għall-karozzi tal-linja urbani ġodda, is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero għandu jkun ta' ***100 %*** mill-perjodu ta' rapportar tas-sena 2030**.**; | 1. Għall-vetturi msemmijin fil-punt 4.2 tal-Anness I, il-manifatturi għandhom jikkonformaw mal-ishma minimi ta' vetturi b'emissjonijiet żero fil-flotta tagħhom ta' vetturi heavy-duty ġodda kif stabbiliti fil-punt 4.3 tal-Anness I. Għall-karozzi tal-linja urbani ġodda, is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero għandu jkun ta' ***80 %*** mill-perjodu ta' rapportar tas-sena 2030 ***u progressivament jirriżulta f'100 % f'konformità mas-suq u l-kundizzjonijiet abilitanti***; |

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 3a – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għas-sottogruppi kollha ta' vetturi għall-perjodi ta' rapportar tas-snin 2030 sa 2034 ***b'45 %***, | (b) għas-sottogruppi kollha ta' vetturi għall-perjodi ta' rapportar tas-snin 2030 sa 2034 ***bi 30 %***, |

**Emenda 55**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 3a – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) għas-sottogruppi kollha ta' vetturi għall-perjodi ta' rapportar tas-snin 2035 sa 2039 b'***45 %***, | (c) għas-sottogruppi kollha ta' vetturi għall-perjodi ta' rapportar tas-snin 2035 sa 2039 b'***50 %***, |

**Emenda 56**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 3a – paragrafu 1 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) għas-sottogruppi kollha ta' vetturi għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2040 'il quddiem b'***90 %***. | (d) għas-sottogruppi kollha ta' vetturi għall-perjodi ta' rapportar tas-snin mill-2040 'il quddiem b'***75 %***. |

**Emenda 57**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 3c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 3c*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kontenut tal-Artikolu 3c mhuwiex ċar mill-perspettiva tal-entitajiet tal-akkwist pubbliku. L-akkwist pubbliku ma għandux ikun ikkumplikat aktar f'sitwazzjoni fejn l-awtoritajiet pubbliċi diġà qed jimmiraw għal tranżizzjoni ekoloġika. Ir-rekwiżiti proposti mhumiex ċari u huma sproporzjonati fir-rigward tal-kompiti u s-setgħat tal-entitajiet tal-akkwist pubbliku. L-awtoritajiet tat-trasport pubbliku għandhom ambitu limitat ħafna biex jinfluwenzaw, pereżempju, l-affidabbiltà tal-kunsinna jew id-disponibbiltà tal-ispare parts.*

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) id-data rrapportata għall-vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur irreġistrati fil-perjodu ta' rapportar preċedenti; u; | (a) id-data rrapportata għall-vetturi heavy-duty ġodda tal-manifattur irreġistrati fil-perjodu ta' rapportar preċedenti***, inklużi l-vetturi vokazzjonali b'emissjonijiet żero u baxxi***; u; |

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5a (ġdid)**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) fl-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu, jiddaħħal il-punt (ba) li ġej:*** |
| | ***(ba) l-applikazzjoni tal-Fattur ta' Korrezzjoni tal-Karbonju (CCF) iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 7 (ġdid) tal-Anness I.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5b (ġdid)**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 4a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Metodoloġija għar-reġistrazzjoni ta' vetturi heavy-duty li jaħdmu esklużivament bi fjuwils newtrali għas-CO2*** |
| | ***jiddaħħal l-Artikolu 4a li ġej:*** |
| | ***Artikolu 4a*** |
| | ***Wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa metodoloġija għar-reġistrazzjoni ta' vetturi heavy-duty li jaħdmu esklużivament bi fjuwils newtrali għas-CO2 għal finijiet ta' konformità mad-dritt tal-UE u mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt a**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 5 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mill-1 ta' Lulju 2020 u għal kull perjodu ta' rapportar sussegwenti ***sal-perjodu ta' rapportar tas-sena 2029***, il-Kummissjoni għandha tiddetermina**,** għal kull manifattur, il-fattur ta' emissjonijiet żero u baxxi għall-perjodu ta' rapportar preċedenti. | Mill-1 ta' Lulju 2020 u għal kull perjodu ta' rapportar sussegwenti, il-Kummissjoni għandha tiddetermina għal kull manifattur, il-fattur ta' emissjonijiet żero u baxxi għall-perjodu ta' rapportar preċedenti. |

**Emenda 62**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt c**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 5 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-fattur ta’ emissjonijiet żero u ta’ emissjonijiet baxxi għandu jnaqqas l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO2 ta’ manifattur b’massimu ta’ ***3 %***. Il-kontribut għal dak il-fattur tal-vetturi b’emissjonijiet żero tal-kategorija N, minbarra dawk fis-sottogruppi ta’ vetturi 4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD, 10-LH, għandu jnaqqas l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO2 ta’ manifattur b’massimu ta’ ***1,5 %***.; | 4. Il-fattur ta’ emissjonijiet żero u ta’ emissjonijiet baxxi għandu jnaqqas l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO2 ta’ manifattur b’massimu ta’ ***10 %***. Il-kontribut għal dak il-fattur tal-vetturi b’emissjonijiet żero tal-kategorija N, minbarra dawk fis-sottogruppi ta’ vetturi 4-UD, 4-RD, 4-LH, 5-RD, 5-LH, 9-RD, 9-LH, 10-RD, 10-LH, għandu jnaqqas l-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO2 ta’ manifattur b’massimu ta’ ***3 %***.; |

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt d**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-krediti tal-emissjonijiet u d-djun tal-emissjonijiet miksubin fil-perjodi ta’ rapportar mill-2025 sal-2039, meta applikabbli, għandhom jiġu riportati minn perjodu ta’ rapportar għall-perjodu ta’ rapportar li jmiss. ***Madankollu, kwalunkwe dejn tal-emissjonijiet li jkun fadal għandu jixxejjen fil-perjodi ta’ rapportar tas-snin 2029, 2034 u 2039.;*** | Il-krediti tal-emissjonijiet u d-djun tal-emissjonijiet miksubin fil-perjodi ta’ rapportar mill-2025 sal-2039, meta applikabbli, għandhom jiġu riportati minn perjodu ta’ rapportar għall-perjodu ta’ rapportar li jmiss. |

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt c**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta, fi kwalunkwe perjodu ta’ rapportar ***tas-snin bejn l-2025 u l-2028, 2030 u 2033, u bejn l-2035 u l-2038***, is-somma tad-djun tal-emissjonijiet mingħajr is-somma tal-krediti tal-emissjonijiet tkun taqbeż il-limitu tad-dejn tal-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 7(1), it-tielet subparagrafu; | (a) meta, fi kwalunkwe perjodu ta’ rapportar, is-somma tad-djun tal-emissjonijiet mingħajr is-somma tal-krediti tal-emissjonijiet tkun taqbeż il-limitu tad-dejn tal-emissjonijiet imsemmi fl-Artikolu 7(1), it-tielet subparagrafu; |

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt c**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) meta, fil-perjodu ta’ rapportar tas-snin 2029, 2034, 2039 u 2040, is-somma tad-djun tal-emissjonijiet mingħajr is-somma tal-krediti tal-emissjonijiet tkun pożittiva;*** | ***imħassar*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba l-livell estremament għoli ta’ penali previsti minn dan ir-Regolament, għandha tingħata flessibbiltà lill-manifattur biex jittrasferixxi mhux biss il-krediti iżda wkoll id-djun, mingħajr ma jimponi approvazzjoni obbligatorja ta’ ħames snin tad-djun.*

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 13f (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-ammonti tal-multi amministrattivi għandhom jitqiesu bħala dħul ***għall-baġit ġenerali tal-Unjoni***. | 4. L-ammonti tal-multi amministrattivi għandhom jitqiesu bħala dħul ***għal-linja baġitarja speċifika “appoġġ għas-settur awtomobilistiku” tal-*** |

| | |
|---|---|
| | *Fond Soċjali għall-Klima*. |

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 15 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Fl-2028***, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-effettività u tal-impatt ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultat tar-rieżami. | ***Sa mhux aktar tard mill-2027***, il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-effettività u tal-impatt ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bir-riżultat tar-rieżami. |
| | ***Meta jkun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta sabiex jiġi emendat dan ir-Regolament. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025, u mbagħad kull sena, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istat tal-kundizzjonijiet abilitanti għall-adozzjoni fis-suq ta' vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero fl-Unjoni. F'dan ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tivvaluta b'mod partikolari l-elementi li ġejjin iżda mhux lilhom biss:*** |
| | ***(a) ir-reġistrazzjonijiet ta' vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero fl-Istati Membri,*** |
| | ***(b) il-varar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u r-rifורniment tal-fjuwil li tkun xierqa għall-vetturi heavy-duty fl-Istati Membri,*** |
| | ***(c) l-implimentazzjoni tal-pedaġġi tat-triq differenzjati skont l-emissjonijiet tas-CO2 fl-Istati Membri,*** |
| | ***(d) il-livell tal-prezz medju tal-kwoti skont is-sistema l-ġdida għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet li tkopri t-trasport bit-triq,*** |
| | ***(e) miżuri oħra li jappoġġaw l-adozzjoni ta' vetturi heavy-duty b'emissjonijiet żero.*** |

| | |
|---|---|
| | ***Jekk waħda mill-kundizzjonijiet abilitanti jew aktar, speċjalment skont il-paragrafi (b), (c) jew (d), jinstabu li ma jkunux konformi mal-miri għall-manifatturi tal-vetturi fl-Artikolu 3a u b ta' dan ir-Regolament, il-miri għandhom jiġu rieżaminati u l-primjums għall-emissjonijiet eċċessivi tas-CO2 f'konformità mal-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament jiġu rrinunzjati.*** |

**Emenda 68**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 15 – paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha, mill-aktar fis possibbli iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2026, tippubblika rapport li jistabbilixxi metodoloġija komuni tal-Unjoni għall-valutazzjoni u r-rapportar konsistenti ta' data dwar l-emissjonijiet ta' CO2 tul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-vetturi heavy-duty li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-evalwazzjoni, inklużi, meta jkun xieraq, proposti xierqa għal miżuri ta' segwitu, bħal proposti leġiżlattivi, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 17

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3b, fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 13(4), it-tieni | "Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3b, fl-Artikolu ***4a, fl-Artikolu*** 11(2), fl-Artikolu 13(4), it-tieni |

| | |
|---|---|
| subparagrafu, fl-Artikolu 13c(3), fl-Artikolu 13d(2), fl-Artikolu 13e(4), fl-Artikolu 13f(2) u fl-Artikolu 14(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]."; | subparagrafu, fl-Artikolu 13c(3), fl-Artikolu 13d(2), fl-Artikolu 13e(4), fl-Artikolu 13f(2) u fl-Artikolu 14(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]."; |

**Emenda 70**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 17 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3b, fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 13(4), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 13c(3), fl-Artikolu 13d(2), fl-Artikolu 13e(4), fl-Artikolu 13f(2) u fl-Artikolu 14(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]."; | "Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3b, fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 13(4), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 13c(3), fl-Artikolu 13d(2), fl-Artikolu 13e(4), fl-Artikolu 13f(2) u fl-Artikolu 14(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]."; |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3b(2) mhux aktar tard minn 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

*Ġustifikazzjoni*

*Meħtieġa biex jiġu pprovduti ċertezzi fix-xiri ta' karozzi tal-linja urbani*

**Emenda 71**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt b**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 17 – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 11(2), fl-Artikolu 13(4), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 13c(3), fl-Artikolu 13d(2), fl-Artikolu 13e(4), fl-Artikolu 13f(2) u fl-Artikolu 14(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill."; | "Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu ***4a, fl-Artikolu*** 11(2), fl-Artikolu 13(4), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 13c(3), fl-Artikolu 13d(2), fl-Artikolu 13e(4), fl-Artikolu 13f(2) u fl-Artikolu 14(1) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill."; |

*Ġustifikazzjoni*

*Il-Kummissjoni għandha l-kompitu li tiżviluppa metodoloġija għar-reġistrazzjoni ta' vetturi heavy-duty li jaħdmu bi fjuwils newtrali għas-CO2 minħabba raġunijiet ta' konformità.*

**Emenda 72**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt c**
Regolament (UE) 2019/1242
Artikolu 17 – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) fil-paragrafu (6), "l-Artikolu 11(2), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(4) u l-Artikolu 14(1)" hija sostitwita b'dan li ġej: "l-Artikolu 11(2), l-Artikolu 13(4), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 13c(3), l-Artikolu 13d(2), l-Artikolu 13f(2) u l-Artikolu 14(1)"; | (c) fil-paragrafu (6), "l-Artikolu 11(2), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(4) u l-Artikolu 14(1)" hija sostitwita b'dan li ġej: "l-Artikolu ***4a, l-Artikolu*** 11(2), l-Artikolu 13(4), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 13c(3), l-Artikolu 13d(2), l-Artikolu 13f(2) u l-Artikolu 14(1)"; |

**Emenda 73**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt 1 – punt 1.1.2 – tabella**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | |
|---|---|
| Grupp ta' vetturi skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2017/2400 | Sottogrupp ta' vetturi (sg) attribwit għall-finijiet ta' dan ir-Regolament |
| 31a, 31d | 31-LF |

| | |
|---|---|
| 31b1 | 31-L1 |
| 31b2 | 31-L2 |
| 31c, 31e | 31-DD |
| 32a, 32b | 32-C2 |
| 32c, 32d | 32-C3 |
| 32e, 32f | 32-DD |
| 33a, 33d, 37a, 37d | 33-LF |
| 33b1, 37b1 | 33-L1 |
| 33b2, 37b2 | 33-L2 |
| 33c, 33e, 37c, 37e | 33-DD |
| 34a, 34b, 36a, 36b, 38a, 38b, 40a, 40b | 34-C2 |
| 34c, 34d, 36c, 36d, 38c, 38d, 40c, 40d | 34-C3 |
| 34e, 34f, 36e, 36f, 38e, 38f, 40e, 40f | 34-DD |
| 35a, 35b1, 35b2, 35c | 35-FE |
| 39a, 39b1, 39b2, ***35c*** | 39-FE |
| *Emenda* | |
| 31a, 31d | 31-LF |
| 31b1 | 31-L1 |
| 31b2 | 31-L2 |
| 31c, 31e | 31-DD |
| 32a, 32b | 32-C2 |
| 32c, 32d | 32-C3 |
